**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Darren Bugeja

Vs

Giancarl Bonnici

CCT 3/21/MM

Illum, 24 ta' Awwissu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-15 ta' Jannar 2021 fejn talab is-somma ta' elfejn u tliet mitt Ewro (€ 2,300) prezz ta' xoghol strutturali fosthom fil-kamra tal-banju u tqeghid ta' madum li ma kienx ta' kwalita'.

Ra r-risposta tal-intimat prezentata fid-9 ta' Frar, 2021 fejn eccepixxa illi preliminarjament qeghda tinghata l-eċċezzjoni ta' lis alibi pendens peress li l-konvenut ghandu kawza fuq il-mertu prezenti quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, liema proċedura ggib in-numru 352/19/CZ u ghadha pendenti;

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatt li l-attur odjern agixxa b'din l-azzjoni meta jaf li hemm azzjoni ohra pendenti quddiem Tribunal iehor u f'dik l-istanza qed jitlob l-istess rimedju, jaghti lok ghal arrikkiment indebitu kemm-il darba din l-azzjoni tibqa' miexja u tigi deciza favur tieghu;

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrci ihuma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ikkunsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut dwar: l-eccezjoni ta' lis alibi pendens stante illi l-konvenut ghandu kawza quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (352/19/CZ) li fil-mori tal-proceduri giet deciza.

Illi fil-kwistjoni dwar lis alibi pendens it-Tribunal jaghmel riferenza ghad-disposizzjoni tal-artiklu 792 tal-Kodici tal-Procedura Civil, kapitlu 12:

Meta titressaq kawza quddiem Qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem Qorti kompetenti ohra, l-kawza mressqa l-ahhar tista' tigi mibghuta lil dina l-Qorti l-ohra.

Fil-kawza, Marsaxlokk Sailing Club Company vs J and H Company Limited:

L-elementi biex tigi stabilita' dina l-eccezzjoni huma:

1. Li l-kawza trid tkun bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qed jagixxu fl-istess kwalita' - eadem personae;

2. Irid ikun hemm - eadem res;

3. It-talbiet irid ikollhom l-istess talba - idem ius, easdem causa petendi u dawn iridu jirrizultaw "ictu oculi"[1]

Il-konvenut pprezenta nota b' hames dokumenti fosthom kopja legali tal-Avviz numru 352/19 prezentat quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, kopja legali tar-risposta u kontro-talba ta' Darren

[1] Balzan vs Argento et 1.2.90 Vol LXX1V p3 p 429; Reznikow et vs Kotivov 24.3.94 Vol LXXV111 p3 p 170;

Bugeja ghall-Avviz 352/19/CZ, kopja legali tar-risposta tal-konvenut ghall-kontro talba ghall-Avviz 352/19/CZ, kopja legali tas-sentenzi fl-ismijiet premessi fl-Avviz 352/19 CZ datata 27 ta' Ottubru 2021, mil-liema sentenza ma gie intavolat l-ebda appell u ghalhekk hija *res judicata*, u kopja tar-rapport tal-Perit Ivan Zammit nominat fil-kazwa 352/19 CZ sabiex jirrelata dwar ix-xoghlijiet li saru fil-proprjeta' ta' Darren Bugeja minn Giancarl Bonnici.

Illi mid-dokumenti prezentati m'hemmx dubju li l-ewwel rekwizit tal-eadem personae huwa stabbilit. Illi l-kwistjoni hija l-istess wahda u cioe kuntratt ta' appalt fir-residenza ta' Darren Bugeja li dwaru hemm konstestazzjoni. Ghalhekk eadem res huwa ukoll l-istess. Illi jidher mill-atti illi l-kwistjoni bejn il-partijet hija wahda biss u cioe allegat xoghol li ma sarx skont is-sena' u l-arti li l-intimat qed jikkontesta u qieghed jippretendi li jithallas il-prezz kollu.

Hija pacifika u kostanti l-gurisprudenza u d-duttrina illi eccezzjoni ta' litis pendentia tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi kontemporanjament pendenti quddiem il-qrati, li jkollhom it-tnejn l-istess meritu. Meta dan jigri allura jkun jehtieg li z-zewg kawzi jigu konnessi sabiex jigu trattati quddiem l-istess qorti.

It-Tribunal tal-Konsumaturi huwa ghall-claims tal-konsumaturi biss ghalhekk il-ligi tal-konsumatur ma jhalliex lill-konsumatur jistitwixxi zewg kawzi, wiehed quddiem il-Tribunal tal-Konsumatrui u l-iehor fil-qrati ordinarji bhalma hu it-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar. Illi l-artikolu 20(2)(c) jghid illi il-kommercjant ghandu id-dritt jaghmel kontra-talba fl-istess Tribunal. Il-ligi tipprovdi ghas-sitwazzjoni fejn, bi qbil, il-partijiet jistghu jitrasferixxu kawza quddiem il-qrati ordinarji ghal quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur. Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li gjaladarba m'hemmx ligi specjali dwar dan lex spexjalis derogate lex generali.

Illi bl-istess ragunament fil-kaz odjern, minkejja li l-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar infethu mill-intimat fil-kawza odjerna (15.01.2021), l-attur irrisponda u ghamel kontro-talba. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-artikolu 792 ghandu japplika u li ghalhekk gjaladarba din il-kawza infethet wara li gie intavolat l-Avviz 352/19/CZ (08.11.2019) quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar dan jiehu precedenza.

It-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tal-intimat illi jekk dan it-Tribunal jiddeciedi l-mertu tal-kaz, li gja kien mertu ta' proceduri *res judicata* jista ikun qieghed iwassal ghall-kunflitt tad-decizjonijiet. Il-principju ta' *lis alibi pendens* huwa intiz biex jippreveni proceduri paralelli quddiem qrati differenti u biex jigu evitati kunflitti bejn decizjonijiet li jistghu jirrizultaw minnhom.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal- lis alibi pendens u jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Dr Martha Mifsud LL.D.

Arbitru